MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 250/2013

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roberta Cilia**

**vs**

**Alexander Vassallo bhala amministratur tal-blokk Park Towers, Windsor Park f'isem u ghan-nom ta' Park Towers, Windsor Park Association u Joanna Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident li gara fl-1 ta' Mejju 2011 go Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan meta waqa materjal tal-bini mill-proprjeta' Windsor Park Towers fuq il-vettura tal-ghamla Seat Ibiza numru ABS 864 proprjeta' ta' Roberta Cilia u

ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura, li dak iz-zmien kienet assikurata comprehensive mas-socjeta' attrici. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef u sitta u erbghin Euro u zewg centezmi (€3,046.02c) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2011.

Ra r-risposta tal-konvenut Alexander Vassallo, li ghan-nom ta' Windsor Park Owners Association, eccepixxa illi qed jikkontesta r-responsabilita' ta' l-istess Windsor Park Owners Association billi l-madum minn fejn waqghu u kkagunaw hsarat fil-vettura ta' l-attrici Roberta Cilia kif GasanMamo Insurance Limited huma surrogati fid-drittijiet taghha, huma madumiet li huma direttament parti intrinsika mill-gallarija ta' l-appartament proprjeta' tal-konvenuta Joanna Camilleri, kif anki jirrizulta mill-anness ritratt immarkat Dok.AV1, liema ritratt ittiehed wara nofsinhar fil-gurnata ta' l-incident minn Alex Vassallo stess, fejn kienu gja tnehhew iktar madumiet minn Joanna Camilleri stess jew persuni mqabbda minnha, izda liema madumiet jidhru cari li kienu ezattament parti mill-gallarija ta' l-istess konvenuta Joanna Camilleri; Illi kwindi ghalhekk ir-responsabilita' ta' l-incident hija responsabilita' unika u esklussiva ta' Joanna Camilleri billi ma haditx hsieb il-gallarija taghha stess; Illi Joanna Camilleri ma mexietx bhala *bonus pater familias* u ma haditx hsieb li taghmel maintenance fil-gallarija proprjeta' taghha stess; Illi dato ma non concesso u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-Windsor Park Owners Association kienet iddepozitat is-somma ta' €1523.01c permezz ta' cedola fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 1324/12 datat il-11 ta' Settembru 2012, fejn bhala gest ta' solidarjeta' (imma mhux sabiex tassumi responsabilita') intavolat nofs is-somma ta' dik pretiza mis-socjeta' assikurattiva; Illi b'ebda mod Windsor Parl Owners Association ma aggixxiet b' irresponsabilita' imma anzi kienet Joanna Camilleri li naqset sabiex tiehu hsieb il-prprjeta' taghha stess, sabiex tevita incidenti bhal dik li grat fl-1 ta' Mejju 2011.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Joanna Camilleri.
Ra r-risposta tal-konvenuta Joanna Camilleri, li eccepiet illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni u huwa inkompetenti milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet ttrici billi l-azzjoni tas-socjeta' attrici kellha tigi istitwita fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ai termini tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan il-kaz huwa dwar tilwima li torigina minn hsara involuntarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi, u dan kif gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri** (19 ta' April 2012, App. Civili 40/2011). Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenuta Joanna Camilleri billi l-maduma li waqghet fuq il-karozza ABS 864 kienet maduma tal-faccata tal-blokka ta' appartamenti Windsor Park Towers, u ai termini ta' l-Artikolu 5(a) ta' l-Att dwar il-Condominia (Kap.398 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa car illi l-hitan ta' barra ta' blokka ta' appartamenti huma parti mill-partijiet komuni tal-blokka. Illi fil-fatt, izda dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut l-iehor Alexander Vassallo nomine gja accetta responsabilita' ghall-madum tal-faccata li kien qed jinqala' minn postu meta l-Windsor Park Towers Association hallset ghar-riparazzjonijiet ta' madum li waqa' mill-faccata ta' galleriji ta' residenti ohra fl-istess blokka ta' appartamenti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-konvenut l-iehor Alexander Vassallo nomine gja accetta nofs ir-responsabbilita' ghall-incident mertu tal-kawza permezz ta' l-ittra legali tal-14 ta' Mejju 2012 (Dok.A) u permezz tac-Cedola ta' Depozitu bin-numru 1324/12 pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Settembru 2012. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-maduma in kwistjoni waqghet mill-faccata ta' bejn il-gallarija tal-konvenuta u l-gallarija adjacenti ta' terzi fl-istess blokka. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenuta Joanna Camilleri billi ma kien hemm ebda negligenza da parti tal-konvenuta Joanna Camilleri u ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi sabiex il-konvenuta tigi

tenuta responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta' attrici trid iggib prova tad-danni minnha sofferti. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw illi qed jaqblu illi d-danni reklamati f'din l-azzjoni huma konsegwenza ta' hsara li rrizultat fil-vettura tal-attrici, liema hsara giet ikkawzata minn maduma li waqghet mill-faccata tal-block ta' appartamenti bl-isem Park Towers.

Semgha t-trattazzjoni.

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza.

Ikkunsidra,

Illi l-ammont reklamat in forza ta' din l-azzjoni jirraprezenta danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta' attrici fil-vettura proprjeta' taghha, meta waqghet maduma mill-faccata tal-block ta' appartamenti bl-isem Park Towers f'San Giljan, u laqtet il-vettura ta' Roberta Cilia, liema vettura kienet assigurata b'polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici assiguratrici. Illi s-socjeta' assiguratrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha, u pproponiet din l-azzjoni.

Illi l-konvenuta Joanna Camilleri, da parti taghha tikkontendi illi tali azzjoni, gialadarba tittratta dwar tilwima li torigina minn hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi, kellha tigi proposta fic-Centru Malti tal-Arbitragg, u dan b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 15 (11) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan skond l-insenjament tal-Qrati taghna, senjatament dak dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri**, deciza fid-19 ta' April 2012.

Ikkunsidra,

Illi r-Raba’ Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula illi:

*“Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x’taqsam ma’ talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi…*” ghandha tigi sottomessa ghall-Arbitragg.

Illi l-interpretazzjoni ta’ dan il-provvediment tal-Ligi kien, sa ricentement, regolat mill-insenjatament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Gevimida Limited (13/2009PS)** deciza fit-23 ta’ Ottubru 2009, fejn gie dikjarat kif gej: “*Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta’ l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subparafra 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b’mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma’ incidenti ta’ traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta’ ta’ terzi b’effett tat-tamponament f’dik l-istess proprjeta’ minn vettura jew vetturi ko-involti f’dak l-istess incident stradali*.”

Illi aktar qabel fl-istess sentenza, gie dikjarat ukoll “... *hu sew maghruf illi ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja rigward ghandu jittiehed ghall-kontenut tat-talba introduttiva mill-parti u tac-cirkustanzi migjuba ghab-bazi taghha, indipendentement mill-fondatezza, o meno, taghha. ... Fondamentalment, l-investigazzjoni mit-Tribunal trid twassal biex mill-gharbiel li jaghmel ta’ l-oggett tat-talba, tal-fatti sottostanti, u tad-deduzzjonijiet, jiddetermina jekk prima facie ghandux il-kompetenza proprja li jiddefinixxi l-kwestjoni sottomessa*.”

Illi dik il-Qorti kienet tat interpretazzjoni lil dan il-provvediment tal-Ligi fis-sens illi kemm-il darba (i) d-dannu materjali soffert minn min qed jipproponi l-azzjoni

huwa fil-vettura involuta fl-incident stradali in kwistjoni, u (ii) tali hsara ggarbet konsegwenza ta' tamponament li sehh fl-istess incident stradali, allura tali azzjoni kellha tigi proposta fic-Centru Malti tal-Arbitragg.

Illi sussegwentement, u dan permezz ta' sentenza moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-appell minn award moghti fi proceduri ta' arbitragg, fl-ismijiet **Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri (40/2011RCP)** deciz fid-19 ta' April 2012, l-interpretazzjoni li nghata lil dan il-provvediment tal-ligi kien aktar wiesa', u dan fis-sens illi kwalunkwe incident li jinvolvi vettura, kemm in kwantu jirrigwarda tamponament bejn zewg vetturi, u kwalunkwe hsara involontarja ohra, li pero' tinvolvi vetturi, l-azzjoni relattiva ghandha tigi proposta permezz ta' arbitragg, u mhux fil-qrati ordinarji. Illi l-Qorti tal-Appell ghamlet referenza, in rigward, ghad-decizjoni li nghatat fil-kawza fl-ismijiet **Thomas Smith Insurance Agency Limited noe vs Mario Borg et (775/07ISB)** deciza fid-9 ta' Lulju 2008, fejn gie dikjarat illi; "*Min-naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizzjoni bejn vetturi (1.2.a) u min-naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero' tinvolvi vetturi (1.2.b) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet.*"

Illi l-kriterji li gew stabbiliti, permezz ta' din l-istess sentenza, sabiex jigi determinat jekk azzjoni taqax taht il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Arbitragg, huma kif gej: "*L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix hsara fuq il-persuna u taqa' fil-limitu ta' Ewro 11,646.87c, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg.*" Illi l-interpretazzjoni li nghatat lill-iskeda hija fis-sens illi kwalunkwe hsara li tirrizulta f'vettura, irrispettivament minn xi tkun il-kawza ta' tali hsara, u sakemm ma jkunx hemm danni fuq il-persuna, allura tali azzjoni ghall-hlas ta' danni li ma jeccedux is-somma ta' €11,646.87c, ghandha tigi proposta permezz ta' arbitragg.

Illi s-socjeta' attrici, da parti taghha, ghamlet referenza ghad-decizjoni li nghatat fil-15 ta' Lulju 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg et (120/12VG)** fejn gie dikjarat illi kemm-il darba l-kawza tal-incident awtomobilistiku ikun minhabba xi haga relatata mas-sewqan, allura dak l-incident ikun konsegwenza tas-sewqan, u b'hekk ikun ic-Centru Malti ghall-Arbitragg li jkun kompetenti.

Illi t-Tribunal ihaddan u jikkondividi l-interpretazzjoni moghtija f'din is-sentenza lill-Artikolu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jaqbel illi kemm-il darba l-hsara u danni reklamati jkunu konsegwenza ta' tamponament minn vettura li tkun qed tigi misjuqa, allura tali azzjoni ghandha tigi proposta fic-Centru Malti tal-Arbitragg. Madanakollu, kemm-il darba l-hsara tigi kkawzata f'vettura minn oggett li jkun ta' kwalunkwe tip, purche' mhux vettura li tkun qed tigi misjuqa, allura tali azzjoni ghandha tigi proposta u trattata fil-qrati ordinarji. Illi ghalhekk, u b'referenza ghall-kawza odjerna, ghalkemm il-hsara giet ikkawzata f'vettura, madanakollu, dan mhux konsegwenza ta' tamponament minn vettura ohra, u ghalhekk dan it-Tribunal huwa vestit bil-gurisdizzjoni sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Joanna Camilleri dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu *ratione materie* sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u konsegwentement jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------